Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,608, 28 ta' April, 1998
Taqsima B

A.L. 112 ta' l-1998

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

Ordni ta' l-1998 dwar il-Forzi Armati ta' Malta (L-Isem, il-Kmand u l-Istabbiliment) (Xoljiment ta' l-*Air Traffic Control Corps* u ta' l-*Airport Company)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Forzi ta' Malta, u tas-setgħat l-oħra kollha li għandu, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1998 dwar il-Forzi Armati ta' Malta (L-Isem, il-Kmand u l-Istabbiliment) (Xoljiment ta' l-*Air Traffic Control Corps* u ta' l-*Airport Company).*

(2) Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 1998.

Xoljiment ta' l-*Air Traffic Control Corps* u ta' l-*Airport Company*.

2. Huwa b'dan iddikjarat li l-*Air Traffic Control Corps* u l-*Airport Company* tal-Forzi Armati ta' Malta qegħdin b'dan jiġu xolti u li issa tneħħew minn Korpi għall-finijiet ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u ta' kull regolament magħmul taħt dak l-Att.